Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum t-28 ta' Jannar 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras**
**Spettur Joanna Piscopo)**

**Versus**

**Keith Felice**
**(0422289M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Keith Felice bin Martin Felice u Mary nee' Abdilla mwieled Pieta nhar it-13 ta' Settembru 1989 u Residenti Blk E Bieb A Fl 8 Triq il- Hagar, Tarxien numru tal-identita 0422289M.

Fejn huwa gie akkuzat:

1. Talli nhar it-08 ta' Awwissu 2020 bejn 13:00 hrs u 13:15 hrs fi Triq l-Iskola, Tarxien u/jew gewwa il-vicinanzi ikkommetta serq ta' flus kontanti li l-ammont hu ta €60, u pakkett sigaretti, li l-valur taghhom mhux izjed minn mitejn u tnejn u tlettin euro u erbgha u disghin centezmu (€232,94) liema serq hu kkwalifikat bil vjolenza u bil-mezz u li sar ghad-dannu ta' Lindsay Magri u/jew ta' persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Lindsay Magri kontra l-volonta' taghha u dan bil-

hsieb ta′ estorsjoni ta′ flus jew hwejjeg ohra u/jew biex tkunu mgieghela taccetta li taghmel xi trasferiment ta′ hwejjigha.

3. U aktar talli fl-istess data, bejn 16:00 hrs u 16:30 hrs fi triq id-Dugh, Marsaskala u/jew gewwa il-vicinanzi ikkommetta serq ta′ mobile tal ghamla I phone u xi oggetti ohra li l-valur taghhom mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centizmu (€2,329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil valur li sar ghad-dannu ta′ Nicole Rose Caruana u/jew ta′ persuni ohra.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta′ l-awtorita′ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Nicole Rose Caruana kontra l-volonta′ taghha u dan bil-hsieb ta′ estorsjoni ta′ flus jew hwejjeg ohra u/jew biex tkunu mgieghela taccetta li taghmel xi trasferiment ta′ hwejjigha.

5. Nakkuzah talli fl-istess data, u f′ hinijiet bejn 13:00 hrs u 13:15 hrs u 16:00 hrs u 16:30 hrs f′ dawn il-Gzejjer Maltin u cirkostanzi, zamm, garr, uza, akkwista jew kien fil-pussess ta′ arma projbita (Stun gun) waqt li kien qed jaghmel reat kontra persuna, jew waqt li kien qed jisraq lil Lindsay Magri u lil Nicole Rose Caruana.

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta′ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f′ kaz ta′ htija barra l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il- Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal- Kap 9 tal-ligijiet ta′ Malta ghas-sigurta ta′ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet bil-Malti, bil-gurament lil iSpettur Mario Sciberras, Nicole Rose Caruana, Jade Galdes, Lyndsey Magri fis-seduta tas-17 t'Awwissu 2020. Semghet bil-Malti, bil-gurament lil iSpettur Mario Sciberras fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru 2020.

Semghet bil-Malti, bil-gurament lil iSpettur Joanna Piscopo u lil iSpettur Michael Vella fis-seduta tat-8 t'Ottubru 2020

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2020, l-imputat irregistra ammissjoni.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet fuq il-piena fis-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2020.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serja tar-reat li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali ta' l-imputat, ta' l-ammissjoni tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 31, 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 267, 275, 277(b) 279(a), 280(2) u

289 tal-Kapitolu 9 u Artikolu 51(1)(a) u Skeda 1 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat Keith Felice **hati** tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal **hames (5) snin prigunerija effettiva.**

Ai termini ta' l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u cioe' l-Stun Gun.

Ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Keith Felice** b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **hames (5) snin** millum ghall-protezzjoni ta' **Lindsay Magri u Nicole Rose Caruana.** Il-Qorti fissret lil imputat Keith Felice bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi rigward it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile* ai termini tal-Artikoli 383, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata stante is-sejba ta' htija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk qeda torbot lil hati **Keith Felice** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena, minn meta il-piena moghtija tkun giet skuntata,** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil *parte civile* **Lindsay Magri u Nicole Rose Caruana.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni maghmula ai termini tal-**Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-Qorti tinnota illi fil-kawza odjerna ma nhatar l-ebda espert, u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat